Minuti tas-47 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li kienet imsejjha ghal nhar il-Erbgha 30 ta' Jannar, 2013. Il-laqgha kellha tibda hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Apap Attard |
| **Skuzati:** | |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Carmen Vella |

Fil-hin imsejjah ghal-laqgha attendew is-Sindku David Apap u l-Kunsillier Emanuel Muscat. Raymond Cassar innotifika li ma jistax jattendi ghax ma jiflahx filwaqt li Lisa Marie Brooke u Carmen Vella innotifikaw li ser ikunu tard minhabba ragunijiet ta' xoghol u ragunijiet personali rispettivament. Ghalhekk il-laqgha ma setghetx tibda peress li ma kienx hemm kworum.

Sadanittant fil-prezenza tas-Sindku, Emanuel Muscat u Segretarju Ezekuttiv infethu u saru l-iskedi tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet segwenti relatati mal-progett Mizura 313 Leisure Park fi Triq Tumas Cassar:

Provvista ta' ghamara ghall-Lesiure Park
Provvista ta' Light fittings ghall-Leisure Park
Provvista ta' seating ghall-Lesiure Park
Installazzjoni ta' ghamara ghall-Leisure Park
Installazioni ta' Light fitting ghall-Leisure Park
Installazjoni ta' seating ghall-Leisure Park
Landscaping tal-Lesiure Park

Ghall-istess gurnata u hin kienet ukoll imsejha u avzata kif mitlub fil-ligi il-laqgha generali annwali. Il-membri prezenti stennew sa hin 5.30pm izda hadd ma attenda ghal-laqgha generali annwali. Sadanittant il-Kunsillieri Lisa Marie Brooke u Carmen Vella kien ghadhom ma waslux. Ghalhekk peress li ma kienx hemm kworum gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill ghandha tissejjah ghal-gurnata ohra.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Apap Attard
Segretarju Ezekuttiv